MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1110/2003

**Paul Cassar**

**Vs**

**Darren Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab l-ammont ta’ Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li l-konvenut ma jahtix ghall-incident u f’kwalsijasi kaz ma kienx kagun tad-danni reklamati mill-attur.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-kontestazzjoni f'din il-kawza qieghda dwar id-danni billi m'hemmx dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Skond ir-rapport tal-pulizija z-zewg vetturi kellhom *slight damages*. L-attur kellu danni f'*all front* filwaqt li l-konvenut kellu danni fir-*right front side*.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut huwa spjegat fin-nota datata 14 ta' Mejju, 2004 fejn il-konvenut ighid li d-danni stmati skond is-survey huma fl-ammont ta' Lm1,070 (elf u sebghin lira Maltin) filwaqt li l-*pre-accident value* huwa ta' Lm1,000 (elf lira Maltin). Illi inoltre billi l-attur qieghed ighid li l-vettura tieghu kienet *total loss* wiehed irid inaqqas il-*wreck value* tal-vettura.

Il-konvenut ighid ukoll li qieghed jikkontesta d-danni billi jallega li mix-xhieda u mir-ritratti jirrizulta li l-attur ghamel hsarat lill-vettura tieghu u qieghed jipprova jirkupra hsarat ta' incident jew incident precedenti.

M'hemmx dubju li l-konvenut m'ghandux ihallas in konnessjoni mal-hsara fuq wara tal-vettura u lanqas fuq xi hsara li setghet grat minhabba t-towing. Skond is-surveyor l-Iskoda hi *beyond economical repair*.

Ghalkemm mir-ritratti Dok. A7 jista' jkun hemm l-impressjoni li hemm iktar hsara minn Dok. A1 fil-fatt (hlief ghar-*right head lamp*) huwa l-mod kif ittiehdu r-ritratti u m'hemmx provi konvincenti li sar xi hsara mportanti wara l-habta jew li kien hemm xi hsara precedenti fuq quddiem.

Skond is-survey biex jissewwa l-hsara gie kkalkolat l-ammont ta' Lm1,070 (elf u sebghin lira Maltin). Illi fis-survey ma giex ikkunsidrat hsara fuq wara tal-karozza. Is-survey jidher kompatibbli mal-hsara li jidher fir-ritratti li ttiehdu ftit wara l-incident hlief ghar-*right head lamp*.

L-attur ighid li sofra Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin) f'danni izda m'ghamilx ir-riparazzjonijiet. Illi t-Tribunal tenut kont is-survey u l-fatt li jidher li r-*right head lamp*

tkisser wara l-incident se jirriduci l-ammont ghal Lm1,000 (elf lira Maltin).

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) bhala danni bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------